

21.2.2024

A9-0424/27

Emenda 27

Marc Botenga, Miguel Urbán Crespo, João Pimenta Lopes, Manu Pineda
f' isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0424/2023

Nacho Sánchez Amor

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2023 (2023/2118(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

32a. Ifakkar li bejn 500 u 700 tifel u tifla Palestinjani li l-iżgħar fosthom għandhom 12-il sena qed jiġu detenuti u huma s-soġġett ta' proċeduri kriminali fis-sistema tal-qrati militari Iżraeljani; jinnota li xi wħud qed jinżammu mingħajr akkuża, filwaqt li oħrajn qed jiffaċċjaw akkużi bħal tfigħ tal-ġebel; jikkundanna bil-qawwa din il-priġunerija illegali u immorali mill-Istat Iżraeljan u jitlob il-ħelsien tat-tfal Palestinjani kollha mill-ħabsijiet Iżraeljani;

Or. en

Emenda 28

Miguel Urbán Crespo, Manu Pineda, Manon Aubry, Younous Omarjee, Leila Chaibi
f' isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0424/2023

Nacho Sánchez Amor

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2023 (2023/2118(INI))

Mozzjoni għal rizzoluzzjoni
Paragrafu 51

*Mozzjoni għal rizzoluzzjoni**Emenda*

51. ***Jisħaq fuq ir-rwol tal-kummerċ bħala strument ewlieni għall-promozzjoni u t-titjib tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi sħab tal-UE, inkluż permezz tal-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi Plus (SGP+); jinnota, madankollu, li f'it li xejn kien hemm titjib f'xi wħud mill-pajjiżi kkonċernati; jiddeplora l-effetti detrimentali ta' attivitajiet kummerċjali eċċessivi u ta' sfruttament fuq id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, u jikkundanna dawk il-korporazzjonijiet li jisfruttaw b'mod illegali r-riżorsi naturali, b'impatt negattiv fuq it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem fil-komunitajiet lokali;***

51. ***Jappella għall-ħolqien ta' forom ġodda ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE abbażi ta' żvilupp reċiproku u relazzjonijiet reċiprokament vantaġġużi li jiproteġu l-interessi tal-poplu bħala kwistjoni ta' prijorità; iqis li l-ftehimiet dwar il-protezzjoni tal-kummerċ u tal-investment jikkontribwixxu għad-distribuzzjoni inugwali tal-ġid globali u spiss jimminaw il-ġustizzja soċjali u ekonomika, kif ukoll japprofondixxu l-inugwaljanzi eżistenti, filwaqt li jikkawżaw tbatija kbira għall-istati u l-komunitajiet emarġinati; jiddeplora l-effetti detrimentali ta' attivitajiet kummerċjali eċċessivi u ta' sfruttament fuq id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, u jikkundanna dawk il-korporazzjonijiet li jisfruttaw b'mod illegali r-riżorsi naturali, b'impatt negattiv fuq it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem fil-komunitajiet lokali;***

Or. en

Emenda 29

Marc Botenga, Miguel Urbán Crespo, João Pimenta Lopes, Manu Pineda, Manon Aubry, Younous Omarjee, Leila Chaibi
f'isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0424/2023

Nacho Sánchez Amor

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2023
(2023/2118(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 62

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

62. Jitlob li l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-komunità internazzjonali jżidu minnufih l-isforzi tagħhom biex iwaqqfu x-xejra ta' nuqqas serju ta' ikel emerġenti; jissottolinja li s-sigurtà tal-ikel ġiet aggravata minn ħafna kunflitti li seħħew madwar id-dinja, inklużi l-kunflitti attwali f'pajjiżi li huma esportaturi globali kbar ta' prodotti tal-ikel primarji, b'mod partikolari ċ-ċereali, b'konsegwenzi tremendi f'diversi żoni tad-dinja; jikkundanna bil-qawwa l-użu jew it-theddida tal-insigurtà tal-ikel bħala strument politiku tal-gwerra, kif ukoll l-effetti negattivi tal-ispekulazzjoni bil-prezz tal-ikel;

Emenda

62. Jitlob li l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-komunità internazzjonali jżidu minnufih l-isforzi tagħhom biex iwaqqfu x-xejra ta' nuqqas serju ta' ikel emerġenti; jissottolinja li s-sigurtà tal-ikel ġiet aggravata minn ħafna kunflitti li seħħew madwar id-dinja, inklużi l-kunflitti attwali f'pajjiżi li huma esportaturi globali kbar ta' prodotti tal-ikel primarji, b'mod partikolari ċ-ċereali, b'konsegwenzi tremendi f'diversi żoni tad-dinja; jikkundanna bil-qawwa l-użu jew it-theddida tal-insigurtà tal-ikel bħala strument politiku tal-gwerra, kif ukoll l-effetti negattivi tal-ispekulazzjoni bil-prezz tal-ikel; **jappella, b'mod partikolari, għal waqfien mill-ġlied immedjat u permanenti fl-Istrixxa ta' Gaza sabiex l-abitanti kollha tagħha jkollhom aċċess mingħajr interruzzjoni għall-ikel u l-ilma;**

Or. en